# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR181738, Press Release Issue Date: Aug 07, 2018

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza għas-Saħħa Pubblika javża li wara li lbieraħ kien hemm żbroff tad-drenaġġ fiż-żona tas-*Siren's* f'San Pawl il-Baħar, u għalkemm dan liż-żbroff tneħħa, bħala prekawzjoni u sakemm jiġu kkonfermati r-riżultati tal-kampjuni miġbura, mhux rakkomandat li jsir għawm f'din iż-żona kif indikat:

Malta – fiż-żona tas-*Siren's*, San Pawl il-Baħar (Kodiċi tas-Sit C 22).

Tabelli li jindikaw dan l-għeluq ġew imwaħħla fiż-żona kif indikata fil-mappa annessa.

Għal aktar informazzjoni fuq il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon (+356) 2133 7333 mit-8.00 ta' filgħodu sas-2.30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat *e-mail* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa l-Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Barra dawn il-ħinijiet, il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iċempel fuq is-sistema awtomatika (+356) 2182 7146 jew fuq il-*mobile* għal Malta numru (+356) 7950 9918 u għal Għawdex numru (+356) 7950 9919.

Il-pubbliku jista' wkoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Health-Inspectorate/EHRM/Pages/Bathing-Water-Programme.aspx għal informazzjoni fuq il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm.